

Brussell, 29 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9837/26

RECH 248  
COMPET 642  
IND 373  
MI 551  
EDUC 187  
TELECOM 276  
ENER 290  
ENV 584  
AGRI 434  
TRANS 355  
SAN 361  
ATO 23

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 255 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa fl-2025

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 255 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 255 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.5.2026  
COM(2026) 255 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet ta' Riċerka u Żvilupp Teknoloġiku tal-Unjoni  
Ewropea u l-Monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa fl-2025**

## 1. SFOND

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet ewlenin ta' riċerka u innovazzjoni (R&I) tal-UE u lejn il-monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa u l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom fl-2025.

Ġie abbozzat f'konformità mal-Artikolu 190 tat-[Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea](#) (TFUE) u l-Artikolu 7 tat-[Trattat Euratom](#), flimkien mal-Artikolu 50 tar-[Regolament \(UE\) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni](#) u mal-Artikolu 12 tar-[Regolament tal-Kunsill \(Euratom\) 2021/765 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika](#).

## 2. KUNTEST POLITIKU U ŻVILUPPI TAL-POLITIKA

Fl-2025, ir-riċerka u l-innovazzjoni kienu integrali għall-avvanz ta' inizjattivi ewlenin tal-UE, fejn ġie enfasizzat ir-rwol vitali tagħhom fit-tisħiħ tal-kompetittività. It-taqsimha li ġejja tesplora l-impatt trasformattiv ta' dawn l-iżviluppi fost is-setturi, filwaqt li tafferma l-impenn tal-UE li trawwem ekonomija ffukata fuq l-innovazzjoni.

### 2.1. Prosperità sostenibbli, suq uniku u kompetittività tal-Ewropa

[L-Inizjattiva Agħżel l-Ewropa](#) tnediet f'Mejju u tfitx li tagħmel lill-Ewropa l-aktar **destinazzjoni attraenti għar-riċerkaturi**. Sadanittant, [l-istrateġija tal-UE għall-kumpaniji start-up u scale-up](#) għandha l-għan li tagħmel lill-UE ċ-ċentru ewlieni għall-kumpaniji start-up u scale-up xprunati mit-teknoloġija. Il-Kummissjoni adottat ukoll [l-istrateġija Ewropea għall-infrastrutturi tar-riċerka u tat-teknoloġija](#) biex trawwem infrastruttura tal-ogħla klassi, aċċessibbli u allinjata mal-industrija.

Is-[Semestru Ewropew tal-2025](#) iffoka fuq il-prijoritajiet tal-Boxxla għall-Kompetittività, inkluż it-tnaqqis tad-diskrepanza fl-innovazzjoni. B'riflessjoni ta' din il-prijorità, 26 Stat Membru rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Fil-livell settorjali, il-Kummissjoni ħadmet ma' assoċjazzjonijiet ta' sħab rilevanti tat-trasport bit-triq u tal-batteriji permezz ta' Memorandum ta' Qbil u r-riżultati tiegħu, biex timplimenta attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni mill-[pjan ta' azzjoni industrijali ġdid tal-UE għas-settur awtomobilistiku](#). Ir-riċerka u l-innovazzjoni kkontribwew ukoll għall-proposta l-ġdida tal-Att tal-UE dwar l-Ispazju, bil-għan li jittrawmu l-innovazzjoni u ambjent tan-negozju stabbli. Flimkien ma' dan, il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni li tiddeskrivi viżjoni għall-ekonomija spazjali Ewropea. Il-Kummissjoni adottat il-[Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel](#) — li tenfasizza r-riċerka u l-innovazzjoni bħala katalisti għal sistema agroalimentari attraenti, kompetittiva u ġusta. Il-[pjan ta' azzjoni għall-industrija tas-sustanzi kimiċi](#) jsaħħaħ il-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-industrija billi jagħti spinta lill-innovazzjoni. Il-Kummissjoni adottat [strateġija ġdida tal-UE dwar il-bijoeconomija](#) u [Att Ewropew dwar il-Bijoteknoloġija](#), b'aspetti relatati mat-teknoloġiji ekoloġiċi u mal-kompetittività fil-qasam tal-ikel u tas-saħħa.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni adottat l-[I-strateġija għax-xjenzi tal-ħajja](#), u poġġiet lill-UE bħala ċentru globali għall-innovazzjoni fis-saħħa, fil-bijoteknoloġija, fis-sistemi tal-ikel u fil-manifattura ekoloġika sal-2030.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni kkontribwew ukoll għall-[Bauhaus Ewropea l-Ġdida](#) (NEB) li tappoġġa proġetti għat-trasformazzjoni tal-ambjent mibni tal-viċinati. Il-[Komunikazzjoni dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida](#) u l-[proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-NEB](#) jirrikonoxxu l-kontribut tal-proġetti tal-NEB għar-riċerka u l-innovazzjoni.

## 2.2. Awtonomija, difiża u sigurtà strateġiċi

Bħall-kompetittività, is-sigurtà u r-reżiljenza huma imperattivi tal-politika marbuta mill-qrib mal-innovazzjoni. L-istrateġiji ta' politika li ġejjin, imressqa mill-Kummissjoni fl-2025, jidentifikaw ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija b'użu doppju bħala aspetti ewlenin:

- [l-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza](#)
- [ProtectEU – Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Interna](#)
- [il-White Paper dwar id-Difiża tal-UE – Prontezza 2030](#), segwita mill-[Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030](#)
- [il-Pjan Direzzjonali għat-Trasformazzjoni tad-Difiża Ewropea](#)

Dawn jenfasizzaw l-importanza li r-riċerka ċivili usa' tal-Ewropa u l-ekosistema tal-innovazzjoni fit-teknoloġija profonda jiġu sfruttati għall-prontezza tad-difiża.

Bil-[mini-omnibus dwar id-difiża](#), il-koleġiżlaturi qablu b'mod provviżorju li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-[Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa](#) (STEP) biex ikopru t-teknoloġiji tad-difiża u jippermettu lill-[Aċċelleratur tal-EIC](#) jappoġġa l-innovazzjoni b'użu doppju u fid-difiża. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-2025 tal-politika ta' koeżjoni saħħaħ l-appoġġ għal investimenti STEP u ħoloq opportunitajiet ġodda biex il-prijoritajiet emerġenti tar-riċerka u l-innovazzjoni jiġu integrati fil-programmi ta' koeżjoni.

## 2.3. Tranżizzjoni ekoloġika

Il-Kummissjoni avvanzat it-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE permezz ta' inizjattivi industrijali, ambjentali u ta' riċerka kkoordinati biex id-[dekarbonizzazzjoni](#) tinbidel fi xprunatur tal-kompetittività. Fi Frar, il-Kummissjoni nediet il-[Patt għal Industrija Nadifa](#), li jstabilixxi azzjoni għal industriji intensivi fl-enerġija, għal teknoloġiji nodfa u għaċ-ċirkolarità. B'mod parallel, il-Fond tar-Riċerka għall-Faħam u l-Azzar ġie riformat biex jissimplifika u jaċċellera l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni li jappoġġaw id-[dekarbonizzazzjoni](#) tas-setturi tal-faħam u tal-azzar.

**Il-bijodiversità, l-ilma, l-oċeani u t-tniġġis** ġew indirizzati permezz ta' approċċi integrati u xprunati mill-innovazzjoni. Eżempju wieħed fil-bijodiversità kien il-[Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija](#) l-ġdida, li tappoġġa l-oġettiv ta' ħamrija b'saħħitha sal-2050. L-[Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma](#) tippromwovi s-sigurtà tal-ilma permezz tar-restawr taċ-ċiklu tal-ilma, ta' ekonomija intelliġenti fl-użu tal-ilma u ta' aċċess għal

ilma nadif u affordabbli għal kulħadd. Il-[Patt Ewropew għall-Oċeani](#) jagħti prijorità lir-riċerka, lill-ħiliet u lill-innovazzjoni dwar l-oċeani.

Il-politiki dwar **il-klima u l-enerġija** komplew jiddependu ħafna fuq ix-xjenza u l-innovazzjoni. Inizjattivi ġodda fl-2025 inkludew il-pubblikazzjoni ta' [aġenda strateġika tar-riċerka u l-innovazzjoni dwar is-saħħa u t-tibdil fil-klima](#). Fl-enerġija, il-[Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli](#), it-[2025 progress report on competitiveness of clean energy technologies](#), il-[Communication on innovative renewable energy technologies](#), u l-[Pakkett dwar il-Grilji Ewropej](#) kollha saħħew ir-rwol tal-innovazzjoni fl-aċċellerazzjoni tal-varar kosteffettiv tal-enerġija nadifa.

#### 2.4. L-IA u t-tranżizzjoni diġitali

F'Ottubru, il-Kummissjoni adottat l-[Istrateġija tagħha għall-IA fix-xjenza](#). Proġett ewlieni huwa dak tal-ħolqien tal-istitut virtwali tar-Riżorsa għax-Xjenza tal-IA fl-Ewropa (RAISE), li se jiġbor flimkien u jallinja t-talent xjentifiku u l-eċċellenza, il-qawwa komputazzjonali, id-data xjentifika u l-finanzjament tar-riċerka Ewropea.

L-iżviluppi li ġejjin fit-teknoloġija diġitali ggwidaw ukoll il-ħidma fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni.

- Dwar l-IA, il-Kummissjoni għaddiet mir-regolamentazzjoni għall-implimentazzjoni u adottat il-[Pjan ta' Azzjoni tal-Kontinent tal-IA](#) u l-[Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-AI](#). Wara t-tħabbira tal-[InvestAI](#), l-UE [espandiet in-network tal-Fabbriki tal-IA](#), filwaqt li saħħet l-ambizzjoni tagħha għal “Kontinent tal-IA”, u b’hekk wittiet it-triq għal Gigafabbriki tal-IA futuri.
- Dwar it-**teknoloġija kwantistika**, il-Kummissjoni nediet l-[Istrateġija Kwantistika tal-UE](#), bil-għan li sal-2030, l-Ewropa tiġi ppożizzjonata bħala mexxejja globali fil-qasam.
- Il-**Cloud tal-Wirt Kulturali** ġie estiż u issa jinvolve 187 organizzazzjoni sieħba li jkopru l-Istati Membri kollha u l-pajjiżi assoċjati ma’ Orizzont Ewropa.
- Il-prototip tat-[Tewmi Diġitali Ewropew tal-Oċean](#) ġie ppreżentat mill-President von der Leyen fil-Konferenza dwar l-Oċeani f’Ġunju.
- L-[Istrateġija Diġitali Internazzjonali](#) ġiet adottata, bil-għan li tagħti spinta lill-kompetittività teknoloġika u lill-kapaċità tal-innovazzjoni tal-UE f’kollaborazzjoni mas-sħab u mal-alleati.

#### 2.5. Sħubija mal-Istati Membri

Fir-rigward tal-miżuri tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-**Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza** (RRF), intlaħqu 351 stadju importanti u l-miri relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni. Il-mudell tal-RRF qed juri li huwa effettiv biex jixpruna l-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni u fir-riformi trasformattivi madwar l-UE, skont [studju ddedikat dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-RRF](#). F’termini ta’ sinerġiji mal-politika ta’ koeżjoni, f’Malta u fil-Litwanja qed jiġu implimentati trasferimenti baġitarji mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għal Orizzont Ewropa.

Id-diskussjonijiet bilaterali bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri ġew approfonditi matul is-sena permezz ta’ **djalogi msaħħa** mad-Danimarka, mal-Bulgarija, mal-

Portugall, mal-Finlandja u ma' Spanja. Barra minn hekk, il-**Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki** kompliet tgħin lill-Istati Membri u lill-pajjiżi assoċjati biex jirrifurmaw is-sistemi tagħhom tar-riċerka u l-innovazzjoni. Ġew konklużi attivitajiet speċifiċi għall-pajjiż għall-Bulgarija, għaċ-Ċekja, għall-Finlandja u għall-Ukrajna. Saru eżerċizzji ta' apprendiment reċiproku dwar is-suġġetti tal-karrieri fir-riċerka, il-politiki nazzjonali għall-IA fix-xjenza, it-tnaqqis tad-diskrepanza bejn ix-xjenza u l-politika, u l-involvement pubbliku fir-riċerka u l-innovazzjoni, b'għadd kbir ta' pajjiżi involuti. Barra minn hekk, ir-[rapport "She Figures"](#) ta' kull 3 snin ġie ppubblikat biex jappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fit-titjib tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Tnieda s-[Science, Technology and Innovation Policy Compass](#) tal-Kummissjoni Ewropea-l-**OECD**, u b'hekk id-data dwar l-inizjattivi u x-xejriet tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni ġiet aggregata fi pjattaforma waħda.

## 2.6. Ewropa globali

L-UE kompliet tappoġġa l-irkupru tal-**Ukrajna** billi nediet il-Koalizzjoni Internazzjonali għax-Xjenza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ukrajna, flimkien mal-Ukrajna, mal-Italja u mal-UNESCO.

Is-sħubijiet mal-**Afrika** u mal-**Mediterran** ġew imsaħħa wkoll, b'mod partikolari permezz ta' negozjati għal Ftehim dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija bejn l-UE u n-**Niġerja** u t-tiġdid tal-ftehimiet PRIMA mal-**Ġordan**, mal-**Libanu** u mal-**Marokk**. Ġiet approfondita l-kooperazzjoni strateġika mas-sħab globali ewlenin, inkluż permezz tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-**Indja**. Il-kooperazzjoni mal-**Amerka Latina u mal-Karibew** kisbet momentum bl-ewwel laqgħa Ministerjali UE-CELAC dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Filwaqt li s-sena bdiet bit-tiġdid b'suċċess tal-Ftehim dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-**Istati Uniti**, bidliet sussegwenti fil-politika tal-Istati Uniti affettwaw oqsma ewlenin bħalma huma l-azzjoni klimatika. F'dan il-kuntest, l-UE żammet djalogu miftuħ u saħħet inizjattivi multilaterali, b'mod partikolari fl-osservazzjoni tal-klima u tal-oċeani.

Dan l-impenn għall-**multilateraliżmu** ġie rifless fl-adozzjoni tal-Pakkett Tshwane tal-G20, li jipromwovi l-innovazzjoni miftuħa, u r-rwol imsaħħaħ tal-UE fid-diplomazija dwar ix-xjenza globali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkopresediet il-Forum Globali 2025 tal-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja u ppresediet l-[Alleanza għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean Atlantiku](#). Il-Kummissjoni organizzat il-forum tal-Alleanza f'Settembru, li fih tnedew in-[Network Atlantiku ta' Siti Beacon għal Reżiljenza Kostali](#) u l-[Programm Interġenerazzjonali Blu](#). Fi ħdan il-**Missjoni Innovazzjoni**, l-UE aċċellerat it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u identifikat 101 proġett ta' Widien tal-Idroġenu madwar 38 pajjiż.

Orizzont Ewropa għandu rwol kruċjali fl-appoġġ ta' oqsma prijorarji tal-[Global Gateway](#).

## 2.7. Azzjonijiet diretti mhux nukleari implimentati miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni

Il-JRC ipproduċa 824 publikazzjoni rieżaminata bejn il-pari u 917-il output tekniku u ta' xjenza għall-politika. Il-punti ewlenin jinkludu dawn li ġejjin:

- [rapport ta' prospettiva dwar l-IA ġenerattiva](#) li jipprovdi analiżi li tħares 'il quddiem tal-potenzjal trasformattiv tagħha fl-UE, inkluż l-impatt soċjoekonomiku fuq il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-impjiegi u lil hinn;
- it-tnedija ta' [Laboratorju ġdid tal-JRC għas-Sigurtà tal-Fruntieri](#), network ta' laboratorji li jaħdmu mill-qrib mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-UE;
- edizzjoni ġdida tal-[Atlas of Migration](#), li toffri ħarsa ġenerali armonizzata dwar il-migrazzjoni dinjija;
- rapport tax-xjenza għall-politika dwar [l-isfruttament tal-potenzjal tat-tranżizzjoni tal-ekonomija ċirkolari fl-industriji intensivi fl-enerġija](#);
- it-tnedija taç-[Ċentru tal-Faqar tat-Trasport](#), li jippermetti l-interventi u l-monitoraġġ tal-progress lejn sistemi tat-trasport tal-UE aktar inklużivi.
- [żewġ atlases ġodda dwar materja partikolata fina \(PM2,5\)](#) – li għall-ewwel darba jkopru l-bliet fil-pajjiżi tat-tkabbir.

### 3. IMPLIMENTAZZJONI U MONITORAĠĠ TA' ORIZZONT EWROPA U TAL-EURATOM

#### 3.1. Orizzont Ewropa fl-2025 – punti ewlenin u karatteristiċi ġodda

L-2025 kienet ikkaratterizzata minn żviluppi kbar ta' programmazzjoni għall-aħħar 3 snin ta' Orizzont Ewropa 2021–2027. Il-programm ta' ħidma “prinċipali” ta' Orizzont Ewropa għall-2025 ġie adottat f'Mejju, segwit mill-programm ta' ħidma “prinċipali” għall-2026–2027 f'Diċembru. Iż-żewġ programmi ta' ħidma għamlu enfasi qawwija fuq is-simplifikazzjoni, fejn dan tal-aħħar jintroduċi wkoll l-użu ta' sejħiet orizzontali f'oqsma strateġiċi.

#### Assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi ma' Orizzont Ewropa

L-għadd ta' [pajjiżi assoċjati](#) laħaq it-22. Ġew iffirmati diversi ftehimiet ta' assoċjazzjoni matul is-sena: filwaqt li l-Iżvizzera u l-Eġittu ssieħbu f'Orizzont Ewropa fit-totalità tiegħu, ir-Repubblika tal-Korea ssieħbet fil-Pilastru II tiegħu. Il-kontribuzzjoni operazzjonali kkombinata mill-pajjiżi assoċjati fl-2025 kienet ta' EUR 3,3 biljuni, b'aktar minn 15 500 parteċipazzjoni mill-bidu ta' dan il-programm qafas.

#### 3.2. Is-simplifikazzjoni ta' Orizzont Ewropa

Is-sena 2025 kienet mument deċiżiv għas-simplifikazzjoni tax-xenarju ta' appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE.

Orizzont Ewropa wassal għar-riformi prattiċi li ġejjin li naqqsu l-amministrazzjoni u aċċelleraw l-eżiti tal-innovazzjoni.

- **Il-finanzjament b'somma f'daqqa** ġie implimentat gradwalment, u b'hekk naqqas il-ħtieġa li jiġu rrapportati l-kostijiet reali u ffaċilita l-parteċipazzjoni, b'mod partikolari għall-SMEs u għall-parteċipanti l-ġodda. L-oġettivi ewlenin

huma li titnaqqas il-kumplessità amministrattiva għall-benefiċjarji u li jitnaqqsu l-iżbalji finanzjarji.

- Il-programmi ta' ħidma pproponew **inqas suġġetti**, b'deskrizzjonijiet iqsar, u test imqassar tal-programm ta' ħidma. Huma introduċew ukoll aktar **suġġetti miftuħin**, filwaqt li żammew direzzjoni strateġika.
- Ir-**rekwiżiti tal-proposti** ġew issimplifikati, b'inqas informazzjoni meħtieġa bil-quddiem dwar diversi aspetti relatati mal-politika, u dan irriżulta f'formola ta' proposta iqsar.
- Intużat **evalwazzjoni f'żewġ stadji** għal 29 suġġett, li ppermettiet lill-applikanti li l-ewwel jissottomettu proposti iqsar u l-proposti sħaħ jippreparawhom biss jekk jintgħażlu għat-tieni stadju. Ħafna minn dawn il-proposti qosra jiġu evalwati mingħajr ma l-evalwatur ikun jaf minn issottomettihom, bħala mod kif jiġi evitat ir-riskju potenzjali ta' preġudizzju.
- It-**trasparenza** ġiet imsaħħa billi t-testi tal-abbozzi tal-programmi ta' ħidma saru aċċessibbli għall-pubbliku.

**Id-djalogi dwar l-implimentazzjoni u l-kontrolli tar-realtà** ppermettew feedback dirett minn start-ups, riċerkaturi u innovaturi dwar l-ostakli fis-sottomissjoni tal-proposti, fl-evalwazzjoni u fil-ġestjoni tal-għotjiet, u dan għen biex jiġu identifikati l-prijoritajiet għal aktar simplifikazzjoni.

L-implimentazzjoni ġiet issimplifikata permezz ta' **għodod diġitali mtejba**. Il-faċilità għall-utent u l-funzjonalità tal-Portal tal-UE għall-Finanzjament u għall-Offerti ġew imsaħħa aktar u ġiet introdotta l-applikazzjoni għall-apparat mobbli l-ġdida "EU funding & me", fi proċess infurmat minn sħarriġ fost 30 000 applikant u benefiċjarju.

### 3.3. Data ta' monitoraġġ ta' Orizzont Ewropa

#### Opportunitajiet ta' finanzjament

*Sors: Sistemi ta' monitoraġġ intern tal-Kummissjoni, 6 ta' Jannar 2026*

Is-787 sejħa għal proposti taħt il-programmi ta' ħidma 2021–2025 koprew total ta' 3 061 suġġett ta' riċerka b'baġit ta' EUR 67,9 biljun.

#### Proposti għal proġetti u rati ta' suċċess

*Sors: Sistemi ta' monitoraġġ intern tal-Kummissjoni, 5 ta' Jannar 2026*

L-interess fil-programm baqa' b'saħħtu, b'**148 884 proposta eliġibbli** sottomessi<sup>1</sup> matul il-perjodu 2021–2025. Il-kwalità ġenerali tagħhom baqgħet stabbli, b'aktar minn nofs il-proposti eliġibbli (57 %) jilħqu l-limitu minimu tal-punteġġ ta' evalwazzjoni.

Sa Jannar 2026, intgħażlu 21 329 proposta għall-finanzjament għal kontribuzzjoni totali stmata tal-UE ta' EUR 57,4 biljun. Ir-rata ta' suċċess tal-proposti naqset għal 14 % meta mqabbla ma' 15,3 % f'Jannar 2025 iżda b'mod ġenerali baqgħet ogħla minn dik taħt Orizzont 2020 (11,9 %).

---

<sup>1</sup> L-għadd ta' proposti eliġibbli sottomessi biss taħt is-sejħiet li huma magħluqin u evalwati bis-sħiħ.

Madwar 70 % tal-proposti li qabżu l-limitu għall-finanzjament ma ġewx iffinanzjati. Huwa stmat li kienu jkunu meħtieġa EUR 118,5-il biljun ta' finanzjament addizzjonali biex jiġu ffinanzjati dawn il-proposti kollha sottomessi matul l-2021–2025.

### Proġetti ffinanzjati

Sa tmiem l-2025, ingħataw **EUR 52,8 biljun** permezz ta' **19 456 għotja**. Id-daqs medju tal-għotjiet baqa' stabbli għal EUR 2,7 miljun, oġġla minn dak taħt Orizzont 2020 (EUR 2,3 miljun<sup>2</sup>), b' medja ta' sitt parteċipanti għal kull proġett.

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) jinkludi wkoll strument ta' investiment ta' ekwità, il-**Fond tal-EIC**, immirat lejn l-aktar start-ups u scale-ups innovattivi. Minbarra ċ-ċifri ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt, il-Fond tal-EIC approva aktar minn EUR 2,3 biljuni f'investimenti ta' ekwità għall-benefiċjarji ta' Orizzont Ewropa, li minnhom s'issa ntnefqu EUR 931,9 miljun.<sup>3</sup>

Parti tal-programm	Proposti eliġibbli	Proposti aċċettati	Rata ta' suċċess tal-proposti ta' dawk eliġibbli (%)	Sehem ta' proposti ta' kwalità għolja (% ta' dawk eliġibbli)	Għotjiet iffirmati	Kontribuzzjoni tal-UE f'għotjiet iffirmati (f'miljuni ta' EUR)	Daqs medju tal-għotja (f'miljuni ta' EUR)
<b>Pilastru I – Xjenza Eċċellenti</b>							
Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC)	41 431	5 781	14 %	27 %	5 651	10 199	1,8
Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA)	56 730	8 152	14 %	82 %	6 692	3 893	0,6
Infrastrutturi tar-riċerka	402	170	42 %	86 %	179	1 230	6,9
<b>Pilastru II – Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea</b>							
Cluster 1 – Saħħa	2 753	640	23 %	55 %	657	5 269	8
Cluster 2 – Kultura, kreattività u soċjetà inklużiva	2 460	339	14 %	59 %	350	1 178	3,4
Cluster 3 – Sigurtà ċivili għas-soċjetà	1 533	183	12 %	64%	194	820	4,2
Cluster 4 – Diġitali, industrija u spazju	6 947	1287	19 %	74 %	1169	8 426	7,2
Cluster 5 – Klima, enerġija u mobbiltà	7 093	1264	18 %	61 %	1311	9 135	7

<sup>2</sup> L-istrument tal-SMEs mhux inkluż.

<sup>3</sup> Għal aktar informazzjoni dwar l-impriżi appoġġati mill-Fond tal-EIC, ara r-[Rapport tal-Impatt tal-EIC 2025](#).

Parti tal-programm	Proposti eliġibbli	Proposti aċċettati	Rata ta' suċċess tal-proposti eliġibbli (%) ta' dawk eliġibbli	Sehem ta' proposti ta' kwalità għolja (%) ta' dawk eliġibbli	Għotjiet iffirmati	Kontribuzzjoni tal-UE f'għotjiet iffirmati (f'miljuni ta' EUR)	Daqs medju tal-għotja (f'miljuni ta' EUR)
(inkluża l-Faċilità NEB)							
Cluster 6 – Ikel, bjoekonomija, riżorsi naturali, agrikoltura u ambjent	4 114	845	21 %	71 %	839	4 938	5,9
<b>Pilastru III – Ewropa Innovattiva</b>							
Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC)	20 340	1 417	7 %	33 %	1 330	3 532	2,7
Ekosistemi Ewropej tal-Innovazzjoni	1 502	275	18 %	58 %	282	304	1,1
L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT) <sup>4</sup>	40	36	90 %	100 %	35	2 115	60,4
<b>Twessigħ tal-Parteċipazzjoni u Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka</b>							
Twessigħ tal-parteċipazzjoni u tixrid tal-eċċellenza	3 165	831	26 %	77 %	657	1 487	2,3
Riforma u titjib tas-sistema Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni	374	109	29 %	69 %	110	236	2,1
<b>Total għal Orizzont Ewropa</b>	<b>148 884</b>	<b>21 329</b>	<b>14 %</b>	<b>57 %</b>	<b>19 456</b>	<b>52 760</b>	<b>2,7</b>

Tabella 1 Proposti u għotjiet iffirmati għal kull parti tal-programm, matul l-2021–2025 (Sors: Dashboards tal-Proposti u tal-Proġetti Orizzont, iffriżati fil-5 ta' Jannar 2026)

## L-Indirizzar tal-prijoritajiet tal-politika tal-UE

Sors: Dikjarazzjoni tal-Programm tal-Prestazzjoni ta' Orizzont Ewropa

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni għandhom rwol ċentrali fl-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika. S'issa, Orizzont Ewropa jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira tiegħu ta' 35

<sup>4</sup> Iċ-ċifra tirreferi biss għall-għotjiet li jibdeu il-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tal-EIT, li mbagħad ikunu inkarigati milli jimplimentaw l-attivitatiet.

% tal-infiq allokat biex jindirizza t-tibdil fil-klima, filwaqt li se tkun meħtieġa aktar ħidma biex tintlaħaq il-mira ta' nfiq ta' 10 % għall-bijodiversità għall-2026-2027.

Fl-2025, ġew allokat i wkoll madwar EUR 58,7 miljun għal proġetti li l-objettiv prinċipali tagħhom huwa li jtejjbu l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u EUR 1 848 miljun għal proġetti li se jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

## Applikanti u benefiċjarji

*Sors: Sistemi ta' monitoraġġ intern tal-Kummissjoni, 5 ta' Jannar 2026*

Il-proġetti ffirmati fl-ewwel 5 snin tal-programm jinvolvu **31 006 parteċipanti uniċi** minn **175 pajjiż differenti**, inkluż il-parteċipazzjoni ta' 35 %<sup>5</sup> minn SMEs. Bħala medja, kull parteċipant jieħu sehem fi 3,9 proġetti.

Il-**parteċipanti l-ġodda** fil-programm jirrappreżentaw 55 % tal-parteċipanti kollha, meta mqabbla ma' 54 % sena ilu. Ir-rata ta' parteċipazzjoni tal-parteċipanti l-ġodda (jiġifieri l-għadd medju ta' proġetti li fihom ikun issieħeb kull parteċipant) hija aktar baxxa minn dik ta' parteċipanti li ma humiex ġodda (1,2 kontra 5). Il-parteċipanti l-ġodda jiġu prinċipalment mis-settur privat – u ħafna minnhom huma SMEs – u s'issa ngħataw 16,7 % tal-finanzjament kollu ta' Orizzont Ewropa.

L-oġġla ishma ta' parteċipanti jiġu minn istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja (35 %), li jirċievu l-oġġla kontribuzzjoni finanzjarja (EUR 19-il biljun). L-entitajiet tas-settur privat u l-organizzazzjonijiet tar-riċerka jirrappreżentaw 30 % u 22 % tal-parteċipazzjoni u jirċievu EUR 13,5-il biljun u EUR 14-il biljun rispettivament.

Il-parteċipanti mill-Istati Membri jammontaw għal 80 % tal-applikazzjonijiet eliġibbli kollha sottomessi, u 19 % huma minn pajjiżi "tat-twessigħ". B'mod ġenerali, l-Istati Membri ngħataw EUR 47,3 biljun jew 89,6 % tal-fondi. L-Istati Membri tat-twessigħ<sup>6</sup> ingħataw 13,1 % tal-fondi, sehem oġġla milli għall-istess pajjiżi taħt Orizzont 2020.

Il-metodu ta' rapportar għall-pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa ġie adattat fit-tabella ta' hawn taħt biex jirrifletti d-data ta' meta sar effettiv il-ftehim ta' assoċjazzjoni.

Grupp ta' pajjiżi	Applikazzjonijiet fi proposti eliġibbli	% tal-applikazzjonijiet totali	Rata ta' suċċess tal-applikazzjonijiet	Parteċipazzjonijiet f'għotjiet iffirmati	% tal-parteċipazzjonijiet kollha	Kontribuzzjoni tal-UE f'għotjiet iffirmati (f' miljun i ta' EUR)	% tal-kontribuzzjonijiet totali tal-UE f'għotjiet iffirmati
Stati Membri (SM)	518 481	80 %	18 %	99 895	83 %	47 292	89 %
<i>Pajjiżi mhux tat-twessigħ</i>	395 074	61 %	19 %	79 093	66 %	40 371	76 %

<sup>5</sup> Ta' parteċipanti uniċi.

<sup>6</sup> Stati Membri biss (il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja).

<i>Pajjiżi tat-twessigħ</i>	123 407	19 %	16 %	20 802	17 %	6 921	13 %
Pajjiż assoċjat (mingħajr l-Iżvizzera)	61 637	10 %	15 %	8 613	7 %	4 470	8,5 %
L-Iżvizzera pajjiż assoċjat	2 690	0,4 %	14 %	75	0,1 %	92	0,2 %
L-Iżvizzera pajjiż terz mhux assoċjat	12 101	2 %	21 %	2 827	2 %	126	0,2 %
Pajjiżi terzi	49 748	8 %	20 %	9 062	7 %	780	1 %
<b>TOTAL</b>	<b>644 657</b>	-	-	<b>120 472</b>	-	<b>52 761</b>	-

Tabella 2: Il-pajjiż ta' oriġini tal-applikanti u tal-benefiċjarji

## Direzzjonijiet ewlenin tal-impatt

Sors: Dashboard tal-KIPs iffriżati fil-5 ta' Jannar 2026

F'Orizzont Ewropa, ġew introdotti direzzjonijiet ewlenin tal-impatt (KIPs) biex jiġi segwit l-impatt tal-programm permezz ta' indikaturi fuq perjodu ta' żmien qasir, medju u twil.

Id-data hija bbażata l-aktar fuq is-sistema ta' rapportar perjodiku tal-proġett. 2 664 proġett (14 %) ingħalqu fiż-żmien ta' din l-analiżi u 40 % tal-proġetti kienu lestew mill-inqas rapport perjodiku wieħed. Peress li l-biċċa l-kbira tal-indikaturi fuq perjodu ta' żmien medju u aktar fit-tul jeħtieġu li jkunu ntemmu għadd sinifikanti ta' proġetti qabel ma jagħtu riżultati sinifikattivi, din it-taqsimha tiffoka fuq indikaturi fuq perjodu ta' żmien qasir biss.

### Impatt xjentifiku

- Il-proġetti ta' Orizzont Ewropa s'issa rrapportaw 18 478 pubblikazzjoni rieżaminati bejn il-pari (KIP 1).
- Orizzont Ewropa jnvolvi 126 407 riċerkatur fi stadju bikri tal-karriera (KIP 2), li 44 % minnhom huma nisa.
- 80,8 % tal-outputs tar-riċerka prodotti mill-programm (pubblikazzjonijiet, settijiet ta' data, software) saru disponibbli b'aċċess miftuħ permezz tal-benefiċjarji (KIP 3).

### Impatt fuq is-soċjetà

- Aktar minn 99 % tal-outputs kollha ta' Orizzont Ewropa huma mmarkati bħala rilevanti għal waħda mill-prijoritajiet tal-politika tal-UE — jew il-prijoritajiet tal-

Kummissjoni tal-2019–2024, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, jew l-għanijiet ta' adattament/mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (KIP 4)<sup>7</sup>.

- Il-proġetti tal-Missjoni tal-UE pproduċew 206 pubblikazzjoni rieżaminati bejn il-pari u 284 riżultat innovattiv (KIP 5).
- 41 % tal-proġetti għandhom mekkaniżmi strutturati biex jinvolvu lill-pubbliku jew lill-utenti finali fil-kokreazzjoni ta' kontenut tar-riċerka u l-innovazzjoni (KIP 6).

#### *Impatt ekonomiku/teknoloġiku*

- Il-proġetti rrapportaw 7 645 output innovattiv (prodotti, proċessi, metodi, eċċ.). Barra minn hekk, il-benefiċjarji diġà ddikjaraw 283 output mhux kunfidenzjali ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali, li minnhom 94 applikazzjoni għal privattiva — għadd li huwa mistenni li jiżdied ladarba titneħħa l-kunfidenzjalità mill-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet (KIP 7).
- Il-proġetti ffinanzjati jappoġġaw mill-inqas 95 798 impjeg (impjegati ekwivalenti għall-full-time) f'entitajiet legali parteċipanti (KIP 8).
- Flimkien mal-investment inizjali mill-UE, il-parteċipanti tal-proġetti għamlu koinvestimenti diretti ta' mill-inqas EUR 12,9-il biljun (KIP 9).

#### **Fokus fuq is-sħubijiet Ewropej**

*Sors: Dashboard tal-Proġetti Orizzont iffriżati fil-5 ta' Jannar 2026*

Sa tmiem l-2025, kien hemm attivi 54 sħubija Ewropea, bi tnejn li kellhom jiġu ffirmati f'Jannar 2026 u erbgħa oħra li kellhom jiġu ffirmati aktar tard. Fis-sħubijiet kollha ġew iffirmati total ta' 1 345 għotja, li kienu jinvolvu 9 568 parteċipant uniku u li rrappreżentaw kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 12,5-il biljun.

Mill-2021, **10 impriżi konġunti attivi**<sup>8</sup> ffirmaw 701 għotja li jammontaw għal total ta' **EUR 6,7 biljuni** u li jinvolvu 5 350 parteċipant uniku. Barra minn hekk, **EUR 4,3 biljuni** minn Orizzont Ewropa appoġġaw lil 11-il **sħubija koprogrammata**, b'635 għotja lil 4 944 organizzazzjoni distinta. Fir-rigward tas-**sħubijiet kofinanzjati**, ġew iffirmati 18-il ftehim ta' għotja għal total ta' EUR 1,5 biljun, li jinvolvu 754 parteċipant uniku.

#### **Fokus fuq il-missjonijiet tal-UE**

*Sors: Dashboards tal-Proposti u tal-Proġetti Orizzont, iffriżati fil-5 ta' Jannar 2026*

Fil-programm ta' ħidma tal-2025, tnedew disa' sejħiet għal missjonijiet. Bejn l-2021 u l-2025, is-sejħiet relatati mal-missjonijiet attiraw 1 515-il proposta eliġibbli. Ġew iffirmati 321 għotja, li involvew 3 845 benefiċjarju u li ammontaw għal EUR 2,48 biljuni.

<sup>7</sup> Il-JRC u l-EIT ma humiex inklużi fil-kalkolu.

<sup>8</sup> Sħubijiet istituzzjonalizzati bbażati fuq l-Artikolu 187 tat-TFUE.

### 3.4. Analiżi fil-fond: Monitoraġġ rapidu ta' Orizzont Ewropa u studji oħra

Fl-2025, ġew ippubblikati diversi rapporti tematiċi dwar l-implimentazzjoni u l-prestazzjoni ta' Orizzont Ewropa:

- monitoraġġ rapidu li jippreżenta [ħarsa ġenerali lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE](#);
- monitoraġġ rapidu li jippreżenta l-[kontribut ta' Orizzont Ewropa għall-ħames missjonijiet tal-UE](#);
- studju li jiżviluppa [kwantifikazzjoni tal-benefiċċji ambjentali ta' Orizzont Ewropa](#), b'mod partikolari permezz tal-iffrankar tal-enerġija jew tar-riżorsi;
- studju li jivvaluta l-[impatt makroekonomiku ta' Orizzont Ewropa](#) fuq il-PDG u l-impjiegi;
- monitoraġġ rapidu dwar l-[użu tal-livelli tat-tnejn teknoloġika f'Orizzont Ewropa](#);
- studju li jqis [20 sena ta' riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjata mill-UE \(ċivili\)](#).

### Evalwazzjoni *interim* ta' Orizzont Ewropa

F'April, il-Kummissjoni ppubblikat l-[evalwazzjoni interim](#) ta' Orizzont Ewropa. Inħarġet ukoll Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li tippovdi t-[tagħlimiet meħuda u proposti għal azzjoni futura](#). Is-sejbiet ewlenin juru l-impatt qawwi ta' Orizzont Ewropa permezz ta' innovazzjonijiet tanġibbli u l-eċċellenza xjentifika tiegħu. Il-programm jimplifika l-impatt tal-innovazzjoni, fejn kull euro investit permezz tal-Fond tal-EIC jattira aktar minn 3 euro f'investiment privat. Il-parteciċipazzjoni mill-Istati Membri tat-tweżigh żdiedet ukoll għal 58 % minn 47 % taħt Orizzont 2020.

### Valutazzjoni tal-impatt u proposta għall-Orizzont Ewropa futur u għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività

Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll [valutazzjoni tal-impatt għall-Orizzont Ewropa futur \(2028–2034\) u għall-Fond Ewropew għall-Kompetittività ġdid](#). Sussegwentement adottat proposti għaż-żewġ programmi interkonnessi, li se jappoġġaw il-vjaġġ kollu tal-innovazzjoni mil-laboratorju għas-suq. Wara l-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni f'Lulju, il-proposti issa qed jiġu nneozjati mill-koleġiżlaturi.

### 3.5. Disseminazzjoni u sfruttament

Il-Kummissjoni kompliet tmexxi u tiżviluppa l-[Pjattaforma tar-Riżultati ta' Orizzont](#) u s-servizz [Booster](#) biex tappoġġa lill-benefiċjarji ta' Orizzont Ewropa fid-disseminazzjoni u fl-isfruttament tar-riżultati tagħhom. Il-Pjattaforma tar-Riżultati ta' Orizzont rat 569 riżultat ġdid imtejjeg u appoġġat b'mod attiv lil 25 kumpanija fil-vjaġġ tagħhom lejn is-suq b'finanzjament iddedikat u opportunitajiet biex jipparteciċipaw f'avvenimenti għall-investituri. Il-Booster ipprova 764 servizz għal 1 602 benefiċjarji li jvarjaw minn disseminazzjoni għal appoġġ għad-dħul fis-suq.

Il-Kummissjoni pproduċiet diversi pubblikazzjonijiet [CORDIS](#), inkluż 20 Pakkett Tematiku, 10 vidjows "Riżultati fil-Qosor" u 10 episodji tal-podcast CORDIScovery.

### 3.6. Implimentazzjoni u monitoraġġ tal-Programm Euratom

Wara l-[proposta](#) tal-Kummissjoni, il-Kunsill adotta [estensjoni tal-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom](#) għall-2026 u l-2027, sostnut mill-[evalwazzjoni interim](#) tal-programm għall-2021–2025.

Il-programm tal-2021–2025 għandu baġit totali ta' EUR 1,38 biljun. Dan jiġi implimentat permezz ta' azzjonijiet diretti u indiretti, li jammontaw għal 38,5 % u 61,5 % tal-baġit rispettivament. Taħt il-fergħa ta' azzjonijiet indiretti, sa tmiem l-2025 ġew iffirmati 61 għotja għal proġetti, inklużi erba' sħubijiet kofinanzjati. Dawn laqqgħu flimkien lil 578 parteċipant uniku u rrappreżentaw EUR 816-il miljun f'kontribuzzjonijiet tal-Euratom.

F'Settembru, il-Kummissjoni żvelat il-proposta tagħha għall-programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom li jmiss (2028–2032).

#### a) Azzjonijiet diretti nukleari implimentati mill-JRC

Fl-2025, il-JRC ippreżenta 102 artikli rieżaminati bejn il-pari dwar suġġetti ta' riċerka nukleari, 90 rapport tekniku, tliet punti ta' materjal ta' referenza u tliet metodi vvalidati inkorporati f'libreriji nukleari internazzjonali, erba' sistemi tekniċi mmirati lejn it-tiġh tas-salvagwardji nukleari u kontribut wieħed għall-istandards internazzjonali.

Il-JRC ikkontribwixxa għall-[pjan ta' azzjoni strateġiku dwar ir-reatturi modulari żgħar \(SMR\)](#), approvat mill-Alleanza Industrijali Ewropea dwar l-SMR, li għandu l-għan li jiffaċilita l-iżvilupp u l-użu siguri tagħhom sal-2030.

#### b) Azzjonijiet indiretti tal-Programm ta' riċerka u taħriġ tal-Euratom

Il-Kummissjoni nediet inizjattivi biex tindirizza n-nuqqas ta' ħiliet nukleari speċjalizzati, b'mod partikolari fis-sikurezza nukleari, fit-teknoloġiji innovattivi u fil-protezzjoni radjoloġika. Il-[proġett Skills4Nuclear](#) jappoġġa l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol kwalifikata għat-teknoloġiji nukleari eżistenti u dawk emerġenti. B'mod parallel, is-[sħubija kofinanzjata PIANOFORTE](#), b'108 sieħba minn madwar 26 pajjiż, nediet it-tielet sejħa miftuħa tranżnazzjonali tagħha, u għażlet sitt proġetti ġodda. Is-[sħubija kofinanzjata EURAD 2](#) kompliet issaħħaħ il-kapaċitajiet Ewropej permezz tat-tnedija tal-programm ta' mobbiltà tagħha.

## 4. IL-PROSPETTI GĦALL-2026

Fl-2026, il-Kummissjoni għandha l-għan li ssaħħaħ l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa permezz tal-**Att Ewropew għall-Innovazzjoni** u l-**Att dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka**. Dawn se jaċċelleraw l-adozzjoni mis-suq tal-innovazzjoni, jallinjaw il-prijoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali, u jgħinu biex tintlaħaq il-mira ta' investiment ta' 3 % tal-PDG fir-riċerka u l-innovazzjoni madwar l-UE. Dawn l-inizjattivi se jgħinu biex jitqiegħdu fis-suq ideat innovattivi fis-setturi kollha, titnaqqas il-frammentazzjoni, u se jsaħħu ċ-ċirkolazzjoni libera tar-riċerkaturi, tal-għarfien u tat-teknoloġija.

Fl-2026 se jitnedew il-[Fond Scale-up Europe](#) b'diversi biljuni ta' euro biex jappoġġa lill-kumpaniji tat-teknoloġija strateġika l-aktar promettenti tal-Ewropa, u l-[Att dwar il-Materjali Avanzati](#), li għandu l-għan li jaċċellera l-innovazzjoni u l-espansjoni ta' materjali avvanzati. Se jitnedew ukoll inizjattivi ġodda ta' riċerka u innovazzjoni f'oqsma li jinkludu l-IA, il-batteriji, l-aċċess għad-data, is-saħħa, il-klima, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali, il-bijodiversità, ir-reżiljenza tal-oċeani u tal-ilma, fost oħrajn.